**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 281/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Grezzju Farrugia et.**

**Illum, 8 ta' Frar 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Grezzju Farrugia** detenur tal-karta tal-identita Maltija **236656M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar id-29 ta' April 2020 kif ukoll fil-ġranet preċedent ġewwa Triq il-Baruni Ħaż Żabbar;

1. Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsek lil xi hadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkielt lil Christian u Vanessa Darmanin fil-pusses ta' ħwejjiġhom b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-5 ta' Lulju 2023, fejn sabet lill-imputat Grezzju Farrugia ħati tal-

imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal multa ta' elf ewro (€1000).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Grezzju Farrugia, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-13 ta' Lulju ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirriforma u timmodifika s-sentenza moghtija fil-5 ta' Lulju, 2023 ;
- Tilliberah mill-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. Illi fl-ewwel lok l-ewwel Qorti kellha tindaga u tagħraf x'kien l-*istatus quo* fil-perjodu rilevanti tal-kawża u li jekk il-pusses reklamat mill-*parte civile* kienx wieħed attwali. L-azzjoni tar-raggion fatasi mhix intiża li tissanzjona t-turbattiva tal-pusses *per se* iżda li tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni uliterali.

Hawnhekk deher bl-aktar mod ċar quddiem il-prim istanza illi oriġinarjament il-propjeta tal-*parte civile* ma kenitx intenzjonata illi jkollha garaxx iżda kellha kamra minflok il-garaxx. Illi għalhekk jidher b'mod ċar illi l-kobor tat-triq ma kienx jippermetti illi jkun hemm garaxx.

Di piu deher illi kien fi stadju aktar avvanzat illi saret talba tal-MEPA sabiex dik il-kamra partikolari li tappartjeni lil *parte civile* konvertita f'garaxx iżda fl-ebda stadju ma nġiebet prova illi l-garaxx ingħata għal użu ta' vettura.

Illi jidher li l-ewwel Qorti ma ħadetx in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat kif stqarr huwa stess li ma jafx jaqra u li għalhekk żgur li ma setgħetx tkun ċerta illi l-imputat kellhu l-faċilita li joggezzjona għal *tale* applikazzjoni għal istess permess qatt ma twaħħlet mal-faċċata kif titlob il-liġi stante illi l-imputat stqarr illi hu qatt ma ġie infurmat li kienet qegħda ssir talba għal garaxx.

**2.** Illi fejn jirrigwardja t-tieni aggravju, l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-kuntratt preżentat mill-imputat u l-pjanta stante illi bid-dovut rispett kollhu jidher b'mod ċar illi fejn qegħda tiġi pparkjata vettura mill-imputat barra li huwa definittivament privat kellu jkun parapett u li kieku dan sar parapett żgur li hemm il-parte civile ma setgħax jitlob li jitla fuq dan il-parapett għax ma jkunx jista' jagħmel manuvra sabiex jidħol ġewwa l-garaxx tiegħu.

Ix-xhieda tar-rapprezentat tal-Awtorita' tal-Artijiet kompla saħħaħ dan l-argument saħħaħ dan l-argument meta stqarr illi dik-parti mhix propjeta pubblika. Illi l-kuntratt kif preżentat mill-imputat tal-akkwist ta' nhar it-8 ta' Ottubru tas-sena 1999 jispeċifika b'mod ċar illi huwa qiegħed jottjeni l-fond ossia dar, immarkata ufffiċjalment bin-numru sbatax (17) fi Triq il-Baruni ġewwa Ħaż Żabbar inkluż il-parapett li hemm quddiem l-imsemmi fond u dan fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef.

Għaldaqstant ma jista qatt jirriżulta illi l-imputat kien qiegħed b'għemilu jeżerċita xi dritt li ppretenda li għandhu iżda *tale* dritt kien tiegħu li jiżviluppa quddiem d-dar fil-forma ta' parapett fejn żgur illi l-*parte civile* ma kienx ikollu dritt jirfislu fuqu sabiex jidħol ġewwa l-garaxx.

Illi wieħed irid jagħraf ukoll illi barra l-parapett tal-imputat hemm ukoll ċint illi ma sarx minnu u li bid-dovut rispett kollu jiġi rreferut bħala bankina fejn il-*parte leza* kissret biċċa minnha u ħolqot rampa għal aċċess tal-vettura tagħha iżda għalhekk il-proċedura ma kellhiex tittieħed kontra l-imputat iżda kontra l-Awtorita' tat-Toroq stante illi mill-bankina l-barra hija propjeta tal-pubbliku.

Illi l-imputat preżenta ritratti illi bihom wera lil Onorabbli Qorti tal-Prim Istanza illi anke kieku huwa kellu ma jipparkjax il-vettura xorta waħda teżisti bankina li żgur l-*parte civile* ma jistax jitla fuqha sabiex jidħol ġewwa l-garaxx tiegħu u għalhekk l-problema mhix il-vettura pparkjeġġata ġewwa l-propjeta tal-imputat. Illi xorta ma tagħmilx sens illi l-barra mill-parapett tal-imputat xorta hemm bankina u allura mhux

l-vettura tal-imputat li qegħda tostakola l-manuvra għal ġewwa l-garaxx tal-parte leża.

3. Illi permezz tax-xhieda stess tar-rappreżentati tal-kunsill lokali ntwera b'mod ċar illi l-linji sofor li tneħħew f'sagħtejn wara li tpoġġew ġew verifikati illi ma kienx hemm bażi illi jinżammu hemm altrimenti ma kienux jitneħħew meta ġew ikkonfermati mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.

Illi l-ewwel Qorti qisha bħal eliminat kull prova ta' ritratti li turi b'mod ċar il-qagħda eżistenzjali tat-triq in kwestjoni u għalhekk ma setgħetx tasal għal konvinċiment illi l-imputat qiegħed b'xi mod jikser il-liġi billi jostakola l-użu tal-garaxx *parte leza*.

Illi l-*parte civile*, sabiex jakkomoda lilu nnifsu għal-fatt illi dik il-parti tat-triq ma kinitx maħsuba sabiex takkomoda garaxx ta' karozza, u minn hawn wieħed jifhem bl-iżball tal-Awtorita' illi tippermetti l-modifika tal-kamra illi kellu l-*parte civile* għall-garaxx, huwa għamel konkos għall-parapett tal-imputat sabiex joħloq iktar spazju għal manuvri bil-karozza tiegħu.

4. Illi r-raba aggravju tal-imputat huwa illi l-ebda referenza ma saret fis-sentenza għax-xhieda tal-imputat ta' Charles Spiteri illi ddikjara b'mod ċar illi huwa għandu għalqa biswit il-propjeta' tal-imputat u illi l-parapett tal-imputat joħroġ sal-bankina, tant illi huwa għandu dritt illi jgħaddi minn fuqu bir-riġel u anke b'vettura. Huwa kawża tad-dritt ta' tali Charles Spiteri illi l-imputat qatt ma żviluppa l-parapett.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat ix-xhieda li iddeponiet quddiem l-ewwel Qorti u eżaminat bir-reqqa id-dokumentazzjoni preżentata minnha.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u dan fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2023.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jistqar li l-ewwel Qorti naqset li tara x'kien l-*istatus quo* tal-appellant *viz z viz* dak li qed jiġi reklamat mill-*parte civile.* Jispjega li l-azzjoni tar-raggion fattasi mhix intiża li tissanzjona t-turbattiva tal-pusses *per se* iżda li tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni uliterali. Illi għalhekk din il-Qorti trid teżamina bir-reqqa ix-xhieda prodotta.

Rat l-affidavit ta' **PS 31 Mario Farrugia** esebit fl-atti a fol. 2. Jispjega li l-pulizija tal-għassa ta' Ħaż Żabbar ġiet mgħoddija kwerela mill-avukat Etienne Calleja datat 26 ta' April, 2020 f'isem il-konjugi Christian u Vanessa Darmanin rigward ostakolar ta' garaxx ġewwa Triq l-Baruni, Ħaż Żabbar. Fil-kwerela ġie deskritt kif il-konjugi Darmanin għandhom residenza ġewwa Triq il-Baruni fejn quddiem il-garaxx illi huma għandhom mar-residenza hemm rampa. Il-familja Farrugia toqgħod eżatt quddiemhom qedgħa tinsisti illi din ir-rampa hija ta' proprjeta tagħhom fejn fuq din ir-rampa il-familja Farrugia jipparkjaw il-vetturi tagħhom liema vetturi ikunu ta' xkiel sabiex il-konjugi Darmanin jutilizzaw il-garaxx tagħhom sabiex jkunu jistgħu idaħħlu u joħorġu l-vetturi tagħhom.

Flimkien mad-dokumenti illi intbagħtu hemm referenza għal korrispondenza illi kienet saret mad-Dipartiment tal-Artijiet fejn il-konjugi Darmanin kienu staqsew fuq din ir-rampa meta huma kienu qegħdin jirranġaw il-post tagħhom, fejn ittra mibgħuta lilhom f'Awwissu tas-sena 2013 mid-Dipartiment għat tmexxija tal-proprjeta tindika illi r-rampa indikata hija proprjetà tal-Gvern sakemm ma jkunx hemm provi kontra. Għalhekk ġie mitlub sabiex jittieħdu passi bil-liġi rigward *pretendend rights* peress illi s-sitwazzjoni ta' ostakolar tal-garaxx kienet għada għaddejja.

Il-pulizija kellmet lil Grezzju Farrugia fejn huwa ġie nfurmat bir-rapport illi sar fil-konfront tiegħu fejn Grezzju qal illi dik il-biċċa art hija propjetà tiegħu fejn anke fuq il-kuntratt ta' meta xtara il-post tiegħu kienet qegħda imniżżla fuq il-pjanta. Huwa

kien ser ikellem lin-nutar u lil avukat tiegħu sabiex jagħmel ir-riċerki neċessarji kif ukoll jikkomunika mad-Dipartiment ta' l-Artijiet bir-riċerki tiegħu sabiex ikollu prova illi dik il-biċċa l-art hija propjetà privata. Huwa qal ikoll illi preċedentement dik l-arti kienet propjetà tal-Knisja fejn iċ-ċens kien infeda u x'aktarx meta xi propjetajiet tal-knisja kienu qalbu ċ-ċnus fuq il-Gvern ma sarux ir-riċerki adegwati. Huwa qal li ser jippreżenta ir-riċerki tiegħu il-Qorti.

Rat l-okkorrenza esebita fl-atti a dol. 3 redatta minn l-istess PS 31 Mario Farrugia.

Rat ix-xhieda ta' **Martin Bajada** in rappreżentanza tal-Lands Authority mogħtija nhar id-9 ta' Diċembru, 2020 u kkonferma li ma hemm l-ebda esproprju jew registration fuq din l-art murija lilu fuq pjanta f'isem il-Gvern. Jidher pero li kien hemm xi fetħa jiġifieri meta inbiegħet l-art. Qal li f'isem il-Gvern ma kien hemm xejn reġistrat. B'din il-kelma fetħa irid ifisser li hemm speċi ta' cul de sac propjetà tal-Gvern li jekk xi ħadd irid jipparkja hemm għandu kull dritt. Huwa ppreżenta tlett pjanti li ġew mmarkati bħala Dok DOKMZ2, MZ3 u MZ4. Dawn jindikaw tlett varjazzjonijiet differenti meħuda mill-ajru. L-ewwel waħda tas-sena 1990 u l-oħrajn qegħdin iktar riċenti. L-iktar waħda riċenti hija mmarkata bħala Dok MZ4. Bħala *land registration* ma sab xejn.

Rat ix-xhieda ta' **Amdrew Haig** in rapresentanza ta' Transport Malta mogħtija nhar id-9 ta' Diċembru 2020. Huwa ppreżenta dokument li ġie mmarkat bħala Dok MZ5 li hija talba applikazzjoni li tkun saret mal-Planning Authority. Imbagħad tgħaddi għand Transport Malta peress li jkun hemm xi affarijiet li jistgħu jolqtu bħala triq. F'dan il-każ għax kienet ser tindbidel kamra minn *dining room* għal garage u Transport Malta ma sabx oġġezzjoni.

Rat ix-xhieda ta' **Marthese Debono** mogħtija nhar it-3 ta' Frar 2021 u kkonfermat li taħdem mal-Planing Authorty. Hija kienet qed tixhed fil-kapaċita tagħha ta' Judicial Representative tal-Planning Authority. Spjegat li l-applikant fuq il-permess numru PA 0431/14 huwa Christian Darmanin. Tgħid li l-permess ħareġ fis-27 ta' Ġunju 2014. It-talba kienet '*proposed additions and alteratons to existing residence and facade incuding*

*change of use from dining room to garage and opeing of same door demolition of existing room at the back and extention of residence at ground annd first floor. Proposed washroom on roof and tool room in garden and internal alterations such as shifting of walls*. Hija ppreżentat kopja li ġiet mmarkata bħala Dok PA1. Mistoqsija jekk daħlux xi oġġezzjonijiet tgħid li ma kienx hemm il-permess li ntalab fuq il-proprjetà '31 Triq il-Baruni' kantuniera ma' 'Triq il Baruni Żabbar.'

**Jorge Grech**, Sindku ta' Ħaż Żabbar xehed nhar it-3 ta' Frar 2021 u mistqosi jekk kienx jaf bl-applikazzjoni li kienu intavolaw Christian Darmanin u martu mal-Awtorità' tal-Ippjanar jgħid li jaf li hemm sqaq jew aħjar triq f'Triq il-Baruni fejn hemm żewġt residenzi faċċata ta' xulxin u f'dik il-parti kellhom *request* mingħand is-sinjuri Darmanin biex eventwalment ikunu qegħdin isiru xi yellow lines fil-faċċata. Huma fetħu l-file relattiv b'din ir-rikjesta u tefgħu ir-rikejsta mat-Transport Malta u skond l-eżitu tal-entita huma jimxu ma' dawk ir-riżultanzi bħal ma jiġri fin-norma dejjem imbagħad jsiru minn naħa tal-kunsill il-marki. Huma joqgħodu fuq ir-rakomandazzjonijiet ta' Tranpsort Malta. Mistoqsi kemm hi wiesgħa it-trejqa jgħid li kemm tgħaddi karozza u tiftaħ il-bibien tagħha. Mistoqsi jekk rax fejn għandhom garaxx il-kwerelanti jgħid li jaf u jaf ukoll għalfejn saret l-applikazzjoni huwa ppreżenta ir-risposta mogħtija mit-Transport Malta li ġiet mmarkata bħala Dok TM1. L-applikazzjoni ġiet approvata u fil-ġranet wara li irċevew din il-korrispondenza l-linji sofor saru. Appena saru dawn is-sinjali jgħid li mar l-appellant fejn infurmhom li dik il-parti tat-triq fejn saru il-linji sofor hija propjetà privata. Mistoqsi jekk kienx hemm xi *suppoting document* anness mal-applikazzjoni tas-sinjuri Darmanin jgħid li ma jidhirlux. Jispejga li l-Awtorita tkun talbet lil Kunsill għal wisa tat-triq u xi ritratti u huma jkunu bagħtu tali informazzjoni. Bħala kunsill huma jiġbdu xi ritratti mill-Google Earth u jgħadduhom lil Transport Malta permezz ta' email. Mistoqsi jekk jafx lil Naomi Agius jgħid li jafha għaliex taħdem ġewwa l-Kunsill.

Qal li s-sur Farruġia kien taħom dokument mill-Lands li jindika li huwa kien iħallas iċ-ċens fuq dik il-parti tat-triq. Meta ra hekk ordna lil ħaddiema tiegħu jerġgħu jmorru jħassru s-sinjali. Huma bagħtu lil Lands Authority ukoll biex jaraw ta' min hi dik il-

parti tat-triq u ċioe jekk hiex pubblika jew privata. Huma irċevew email li ġiet preżentata fl-atti u mmarkata bħala Dok JG2[1] fejn ġew infurmati li l-art hija art pubblika.

**Il-Perit Ronald Muscat Azzopardi** xehed nhar l-14 ta' Jannar 2022 jgħid li huwa kien ġie mqabbad mill-koppja Christian Darmanin u martu dwar fond fi 'Triq il-Baruni Żabbar' u dan meta kienu talbu li jagħmlu xi alterations fil-fond '31 Triq il-Baruni'. L-altertions kienu jikkonsisti fi ftuħ ta' bibien, għeluq ta' bibien, żidiet fi kmamar ftuħ ta' bieb ta' kamra ta' quddiem il-garaxx. Qal li kien ipprepara applikazzjoni għall Awtorita tal-Ippjanar numru P/00431/14 u din ġiet approvata nhar is-27 ta' Ġunju 2014. Qal li jekk saru xi oġġezzjoniji għal tali applikazzjoni jgħid li m'għandux records tagħhom. Ikkonferma li t-triq in kwistjoni ma hiex wiesgħa. Fil-bidu tagħha fejn tiltaqa' ma triq il-prinċipali hija wiesgħa ta' karozza u ftit. Fir-realtà' tgħaddi Land Rover pero quddiemu hemmhekk fejn hemm il-garaxx hija l-iktar parti wiesgħa ta' din it-triq vuoldieri kien hemm spazju fejn joħroġ mill-garaxx bil-kumdita. Pero biex jagħmel hekk irid juża ukoll l-ispazju li hemm il-bini tal-faċċata. Huwa mmarka permezz ta' salib fuq il-pjanta mmarkata bħala Dok MZ4 fejn hemm id-dar u indika l-garaxx bl-ittra 'G'. Quddiem il-garaxx ma hemmx kaxxi hemm spazju minn ħajt sa ħajt f'dik il-parti. Muri l-aerial photo mmarkat bħala Dok MZ3 u jgħid li faċċata il-garaxx mmarkat bl-ittra 'G' hemm rampa faċċata. L-applikazzjoni li kien ippreżenta ġiet deċiża b'mod favorevoli bla riservi fis-27 ta' Ġunju 2014.

**Andrew Haig** xehed nhar l-14 ta' Jannar 2022 għan-nom ta' Transport Malta. Huwa stqarr li meta persuna tagħmel applikazzjoni għall-linji sofor il-klijent imur għand il-Kunsill Lokali u jimla applikazzjoni u magħha ikun irid jippreżenta ritratt tal-faċċata tal-garaxx, il-wisgħa tat-triq u l-wisgħa tal-bieb tal-garaxx ħalli minn hemmhekk skond il-policy tat-trasport jaraw jekk għandhomx jilqgħu l-applikazzjoni. Jgħid li f'din it-triq kient saret applikazzjoni biex isiru linji bojod quddiem bieb tal-garaxx. Il-proċedura biex jitneħħew dawn l-istess linji li jiġu miżbugħa tqum meta jiġu kanċellati u miżbugħa bl-iswed meta l-użu tal-garaxx ma jkunx għadu qed jintuża jew li ma

[1] Fol. 55 tal-atti

għadhomx jipparkjaw vetturi fih. Fil-każ partikolari Transport Malta irċeviet informazzjoni li l-garage ma kienx għadu qed jintuża jew li ma kienx qed jintuża għal skop ta' karozza. Huma ma kellhomx talba biex ineħħi is-sinjali tat-triq ftit wara li kienu saru jista' jkun kien hemm talba għand il-Kunsill. Qal li l-kunsill qatt ma għamlet applikazzjoni magħhom biex is-sinjali jitneħħew. Huwa ppreżenta kopja tal-file relattiv li ġie mmarkat bħala Dok TM1. Minn naħa tat-Transport Malta huma ma jarawx jekk is-sinjali jkunux ġew magħmula fi proprjeta privata jew pubblika.

**Christian Darmanin** xehed nhar it-8 ta' April 2022 u spjega li fis-sena 2013 kien akkwista  dar u kien applika mal-Awtorita tal-Ippjanar biex jaaħmlu xi alterazzjonijiet fosthom biex isir bieb ta' remissa u jagħmlu xi alterazzjonijiet fosthom sabiex il-bieb tar-remissa isir bieb ta' garaxx. Kienu iċċekjaw mal-Lands fis-sena 2013 biex ikunu ċerti min hu sid tar-rampa quddiem id-dar tagħhom sabiex isir użu minnha għall-aċċess tal-garaxx tagħhom u kkonfermaw permezz ta' ittra li s-sid huwa l-Gvern. Mal-faċċata tal-propjetà tagħhom waħħlu n-notification tal-Awtorità tal-Ippjanar skond il-liġi u l-familja Farruġia ma oġġezzjonawx la għal permess u lanqas għall-aċċess tal-garaxx. Il-permess ġie approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar fis-sena 2014 u għandhom ukoll id-dokumenti tan-no objection ta' Tranasport Malta u no objection tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żabbar. L-alterazzjonijiet fil-bini saru u kienu jużaw parti mir-rampa biex jaċċessaw il-garaxx jiġifieri ma kinux jipparkjaw fuqha. Waħħlu mal-bieb tal-garaxx sticker tan-no parking,  garage in use. Madwar sentejn ilu mart Grezzju flimkien ma' Grezzju marru iħabbtulhom bil-għan li jiffirmaw karta għax bdew jinsistu li biex juża l-garaxx tiegħu kien qed jirfes il-propjetà tagħhom. Huma ma aċċettawx għaliex għandhom bil-miktub mingħand il-Lands Department li r-rampa ta' quddiemhom hi kollha tal-Gvern. Kif qalulhom hekk Grezzju beda jgħajjat u jgħid kliem li ma jinftiehemx. Beda jgħidilhom li kien ser jibda jipparkja quddiem il-garaxx tagħhom u li mhux ser iċaqlaqha minn hemm u qalilhom biex ma jħabtulhomx il-bieb.

L-ostakolar quddiem il-garaxx tagħhom qed issir ta' kuljum u kontinwament mill-vetturi ta' Farruġia u l-familja tiegħu saħansitra anke meta jkollhom vettura u

jkollhom spazju fejn imexxu 'l quddiem huma jipparkjaw apposta quddiem il-garaxx tagħhom biex huma la jidħlu u lanqas joħorġu mill-garaxx.

Fit-triq ma hemmx parking bays u ma hemm xejn li jindika li r-rampa hija privata. Huma qegħdin jikkaparraw spazju pubbliku billi jipparkjaw karozza u vannijiet kbar. Meta kien hemm ostakolu tal-vetturi, quddiem il-garaxx huma għamlu kuntatt mal-pulizija u qalulhom li huma kienu qegħdin jipparkjaw fuq propjetà tagħhom u li mhux ser ineħħu l-vetturi. Sadanitant għal darba oħra f'Lulju 2020 reġgħu bagħtu lil Lands biex tgħidilhom min hu s-sid ta' din ir-rampa u kkonfermaw għat-tieni darba li ħadd għajr il-Gvern ma hu s-sid tagħha.

L-Avukat tagħhom kien ukoll wissiehom b'ittra bonarja biex jieqfu minn dan l-atteġġjament tagħhom iżda l-familja Farrugia baqgħet tipparkja fuq din ir-rampa u tostakola l-garaxx tagħhom kuljum u b'mod kontinwu. Huwa għandu diversi ritratti ta' dan l-ostakolar fejn juru l-familja Farrugia qed tiksrilhom d-dritt li għandhom biex jidħlu u joħorġu mill-garaxx bil-vettura tagħhom. Applikaw għall-linji sofor u dawn ġew approvati mit-Transport Malta iżda siegħa wara tħassru bl-ordni tas-Sindku li ammetta magħhom stess li kien hu li ta l-ordni biex jitneħħew dawn is-sinjali. Is-sindku jaf li r-rampa hija tal-Gvern għax hu stess kien bagħat lil Lands Department. Huma għamlu kollox skond il-liġi għaliex għandhom garaxx u ma jistgħux jużawh. Dan huwa inkonvenjent kbir meta tikkunsidra li għandhom tfal żgħar u għandhom familja li joqgħodu hemm. Huwa ppreżenta l-file li għamel referenza għalih li ġie mmarkat bħala Dok CD1.

Spjega u qal li t-triq hija dejqa ħafna, 3.1 metri wiesgħa u biex jaċċessaw il-garaxx bil-fors iridu jirfsu ir-rampa. Qal li kemm ilu jagħmel użu mill-garaxx sa mis-sena 2014. Insista li s-sur Farrugia jipparkja fuq ir-rampa kuljum qiegħed. Huwa ppreżenta l-file tiegħu li ġie mmarkat bħala Dok CD2 li juri l-ittri li huwa rċieva li l-art in kwistjoni hija tal-Lands li hemm in-no objection ta' Transport Malta għas sinjali sofor , ittra tal-Kunsill Lokali lit-Transport Malta, il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar li jkopri l-garaxx u xi dokumenti oħra relevanti. Ir-rampa twassal għal bieb ta' garaxx.

**Vanessa Darmanin** xehdet nhar it-8 ta' April 2022 u kkonfermat dak kollu li qal żewġha. Qalet li qed ibagħtu ħafna. Għandhom żewġt it-tfal żgħar u tarbija. Qalet lil għandhom kollox skond il-permess u li qed jonfqu ħafna spejjeż biex ikollhom kollox sew. Kienu għamlu l-verifiki kollha minn qabel u tal-Lands kienu qalulhom li kollox kien sew. Ikkonfermat li r-rampa qegħda quddiem il-garaxx tagħhom. Tgħid li l-familja Farrugia qed tagħmilhom apposta skumdita kbira. Ipoġġu l-vetturi tagħhom fuq ir-rampa anke meta jkun hemm spazju fit-triq. Dan qed jiġri ta' kuljum kemm bil-lejl u anke matul il-ġurnata. Ikkonfermat il-kontenut tal-file CD2. Tgħid li r-rampa vera qegħda quddiem id-dar tas-sur Farrugia u quddiem id-dar tagħha ukoll.

L-imputat **Grezzju Farrugia** xehed minn jeddu nhar id-29 ta' Lulju 2022 u stqarr li l-propjetà tiegħu tinsab numru '17 Triq il-Baruni, Żabbar' u ppreżenta l-kuntratt u pjanta tal-post li ġie mmarkat bħala Dok GF1. Qal li r-rampa kienet tagħmel mal-post tal-kunjata u minnha tidħol fil-garaxx ta' Charles Spiteri. Qal li huma jużaw dik il-parti bħal parkeġġ. Qal li kien dan Charles Spiteri stess li kien baxxiha biex jkun jista' jidħol fil-garage tiegħu skond kif muri fid-Dok GF2. Jgħid li jagħmel użu ukoll minn Giardina fl-istess triq u jidħol għaliha minn fuq ir-rampa li hemm illum. Il-linji sofor li għamlu referenza għalihom is-sinjuri Darmanin kienu taħt il-bankina tiegħu tal-parapett. Jgħid li vera kienu saru linji sofor mill-Kunsill iżda damu hemm mill-11.00 sat-3.00p.m tal-istess huma għaliex kien mar l-għassa u qalilhom li dik kienet art privata. Jammetti li huwa minnu li d-dar tagħhom tinsab fuq il-lemin waqt li dik ta' Darmanin tinsab fuq ix-xellug. Jaqbel ukoll li r-rampa tintuża biex taċċedi l-bieb tal-Giardina. Jgħid li l-parapett tiegħu ma jasalx biss sa fejn hemm il-madum iżda sar-rampa ukoll minkejja li hemm dislivell bejn il-parapett tiegħu u r-rampa ta' nofs metru.

**Charles Spiteri** xehed nhar id-29 ta' Lulju 2022 u kkonferma li Grezzju Farrugia huwa ħatnu u ma ġenb fejn joqgħod għandu għalqa, dejjem fi Triq il-Baruni Ħaż Żabbar. Jgħid li hija kważi biswit l-proprjeta tas-sur Farrugia għax mir-rampa tidħol fil-proprjeta tiegħu. Aċċess minn x'imkien ieħor ma hemmx għal għalqa. Qal li hemmhekk kien kollu taz-zijiet tiegħu. Qal li r-rampa hija tiegħu. Fuq il-kuntratt

tiegħu hemm imniżżel li trid tgħaddi bil-pass, bir-riġel u bil-bhima minn fuq din l-parti tal-art magħrufa bħala rampa. Huwa jħallas ċens fuq l-għalqa u tal-art. Huwa ppreżenta kopja tal-kuntratt li ġie mmarkat bħala Dok CS1 u kopja taċ-ċens li jħallas li ġie mmarkat bħala Dok CS2. Jgħid li huwa dejjem għadda minn fuq ir-rampa biex jidħol fil-Giardina tiegħu.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u dan fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2023.
Rat id-dokumenti kollha esebiti.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Illi jirriżulta mill-provi prodotti u ċioe' minn dak li xehedu Christian u Vanessa Darmanin huma kellhom aċċess għal dik il-porzjon art li tinsab faċċata id-dħul għal garage tagħhom u dan għaliex kienu jidħlu u joħorġu ta' sikwiet il-karozza tagħhom mill-garage li huma bnew fis-sena 2014 skond il-permessi maħrufa mill-Awtorita tal-Ippjanar. Irriżulta li pero fid-29 ta' April 2020 u fil-ġranet ta' qabel l-imputat għażel li jibda jipparkja il-vettura tiegħu u tal-familjari tiegħu fuq din ir-rampa li b'hekk ostakola l-aċċess liberu li kienu jgawdu minnu l-konjuġi Darmanin għal żmien twil. Jirriżulta li din hija biċċa art tal-Gvern li tagħti aċċess kemm għal garage tal-konjugi Darmanin kif ukoll għal Giardina ta' Charles Spiteri. Din il-porzjon art ma hiex xi parking space iżda kulħadd għandu aċċess għaliha u b'hekk għandha tibqa vojta.

L-offiża tar-ragion fattasi dderivat fil-liġi tagħna mill-Artikolu 168 tal-Kodiċi Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiża ġiet klassifikata mill-leġislatur tagħna bħala waħda mid-delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u Amministrazzjonijiet oħra. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tiegħu fuq il-Liġi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offiżi kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja bħala s-segwenti:

> *'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from*

*other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Il-ġurista Francesco Carrara citat mid-difiża stess fir-rikors tal-appell tagħha fil-ktieb tiegħu[2] jiddefinixxi l-offiża tar-ragion fattasi bħala s-segwenti:

*'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'*

L-Imħallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawża Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef[3] din l-offiża ġiet deskritta bis-segwenti mod:

*'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika.*

Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.' (enfażi miżjuda). Minn hawn joħroġ biċ-ċar li l-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali fl-eżami tal-imputazzjoni taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huma mgħobbija bl-eżami

[2] Volum V fil-Parti Speċjali
[3] Appell Kriminali numru: 232/2002 deċiż nhar it-30 ta' Lulju 2004.

jekk il-privat u f'dan il-każ l-appellant użax l-awtorita' tiegħu nnifsu flok ma rrikorra għand l-Awtoritajiet kompetenti.

Il-ġurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tiegħu fuq kwotat jelenka l-erba' (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab ħati għar-reat. Dawn l-elementi li ġew indikati fir-rikors tal-appell tad-difiża huma s-segwenti:

1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;

2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;

3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi perautorita' di magistrati;

4. Mancanza di titolo piu grave.

Dawn l-erba' elementi ġew adottati fil-Qrati tagħna fosthom fil-kawżi **Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et**[4], **Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia**[5] u **Il-Pulizija -vs Professur Henry Frendo**[6] li huma s-segwenti:

'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruħu r-reat ta' ragion fattasi huma:-

(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan l-haddiehor,

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

[4] Deċiża nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell
[5] Deċiża nhar l-14 ta' Diċembru 1957 mill-Qorti tal-Appell
[6] Deċiża nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell

Att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew preżunta, ta' dan il-ħaddieħor. Fil-każ odjern irriżulta li l-appellant għamel qabad u usurpa l-użu tar-rampa billi ostakla lill-kwerelanti mill-godiment tal-garaxx tiegħu għaliex l-appellant b'abbuż qabad u ippruvah minn aċċess li kien intitolat għalih. Ma hux kontstat lil-kwerelanti ilhom jagħmlu użu minn dan il-garage sa minn meta inbena fis-sena 2014 u li kienu idaħħlu u joħorġu l-karozza tagħhom liberament u dan għaliex ix-xhieda tal-kwerelanti qatt ma ġiet kontradetta mill-appellant. L-appellant sostna biss li dik ir-rampa hija propjeta' privata u għalhekk għandu kull dritt li jagħmel użu minnha għalkemm irriżulta li hija propjeta tal-Gvern ukoll. Pero hawnhekk m'aħniex qed nitkellmu fuq min hu sid tar-rampa iżda min kellu l-użu tagħha u min ġie ostakolat u impedut mill-użu liberu tagħha.

B'dan li għamel l-appellanti żgur li ppriva lill-kwerelanti milli jkollhom aċċess liberu. Għalhekk l-att estern tal-offiża huwa pruvat.

**Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt.**

Illi hawnhekk irid jiġi determinat x'intenzjoni kellu l-appellanti meta wettaq ir-reat u ċioe' l-intenzjoni li jieħu l-liġi b'idejh u dan biex jeżerċita dritt li jaħseb li għandu.

Hekk ingħad fis-sentenza **<u>Il-Pulizija -vs- Eileen Said</u>**[7]:

> *"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.*
>
> *Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha."*

[7] Deċiż minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar id-19 ta' Ġunju, 2002.

Fil-każ in deżamina jirriżulta li l-appellant ma kellux dritt li jostakola d-dħul lill-kwerelanti u dan għaliex minkejja li huma għandhom dritt jgħaddu minn hemm, il-kwerelanti wkoll kellhom aċċess liberu għalih. Din il-Qorti ma setgħetx ma tinnutax lil-prosekuzzjoni ma resqet lill-ebda xhud sabiex iċaħħad dak li qalu l-parte civile u ċioe li kienu jagħmlu użu mir-rampa b'mod regolari dan għaliex anke x-xhud Charles Spiteri li xehed qatt ma qal li l-konjugi Darmanin ma kienux jagħmlu użu mir-rampa. Għalhekk dan l-element jirriżulta wkoll ippruvat.

**Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita` pubblika.**

M'hemmx dubju li l-appellant kien jaf li l-kwerelanti kellhom kull dritt li jidħlu f'din r-rampa biex jaċċedu għal garaxx tagħhom u dan għaliex għal żmien twil hekk għamlu u dan għalhekk jindika aċċess liberu. Lanqas ma jirriżulta li meta kien qed jinbena dan il-garaxx fis-sena 2014 l-appellanti kellhom xi oġġezzjoni u dan għaliex fl-ebda ħin ma interponew xi oġġezzjoni quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar.

Illi l-Artikolu 85 huwa intiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh, u għalhekk l-iskop wara din id-dispożizzjoni – bħad-dispożizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-actio spoli – huwa li tipproteġi l-istatus quo.

Issa immaterjalment mill-jeddijiet ta' natura ċivili li jgawdu l-appellanti fuq din il-proprjeta', jirriżulta inkonfutabbilment illi l-kwerelanti għandhom aċċess liberu għal din l-entratura tant illi qabel ma sar dan l-stakolu mill-appellanti kienu jidħlu mir-rampa liberalment. Dan ifisser illi l-appellanti unilateralment biddel dan l-*istatus quo*[8] tal-kwerelanti ħesrem u b'mod illeġittimu.

**In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi**

Illi minn eżami tax-xhieda mogħtija u tal-elementi preċedenti jirriżulta b'mod inekwivoku li l-offiża ma hi xejn għajr għal dik ta' ragion fattasi.

[8] Ara Il-Pulizija vs Jane Scicluna deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010

Għalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-ġudizzju tagħha meta sabet lill-appellanti ħati tal-akkuża kif addebitata fil-konfront tiegħu.

Ovvjament huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tlett elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana**[9] qalet hekk:

> *'...... kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li ġie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta' l-oggett li kien fil-pussess tagħha qabel dak l-att spoljattiv......Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura fir-rikors tal-appell, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejniktar fir-rigward.*

Jiġi osservat biss illi:

> *"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tiegħu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli. L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."[10]....*
>
> *Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra**, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tiegħu ghandu l-pussess materjali ta'*

---

[9] Deciza fit-30 ta' Novembru, 2016 per Onor Imhallef E. Grima

[10] A ra Il-Pulizija vs Jane Scicluna deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010

*dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.*[11]"

Għalhekk din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell intavolat u tikkonferma is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti in toto.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imħallef**

[11] Ara l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Mario Bezzina deċiż nhar is-26 ta' Mejju, 2004